MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Numru 49/2006

**Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**KEVIN CASSAR**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Kevin Cassar ta’ 36 sena, bin Arthur u Carmen nee’ Wells, imwieled Pieta fit-02 ta’ Jannar 1970, u li joqghod f’l-indirizz: 90 Triq il-Gross, Marsascala. Detentur tal-karta ta’ l-identita numru 043270M.

Billi gie akkuzat talli matul dawn l-ahhar xhur f’dawn il-Gzejjer, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAB203 tal-marka Peugeot li ghanda valur ta’ aktar min

Lm1000, liema vettura giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba kummerc tieghu, ghad-detriment ta' Antoine Vassallo.

Talli matul dawn l-ahhar xhur f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm1000 bi hsara ta' Joseph Debattista

Jew aktar talli matul dawn l-ahhar xhur f'dawn il-Gzejjer, bi hsara ta' Joseph Debattista, ghamel qliegh b'qerq ta aktar minn Lm1000.

Talli fis-17 ta' Settembru 2004, fl-ufficcju tad-Direttorat tal-Licenzi u Testijiet, Floriana, halef il-falz quddiem Norma Spiteri, ufficjal li ghanda is-setgha b'ligi li taghti l-gurament.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika il-provedimenti mahsuba fl-artikolu 109(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 17, 108(1), 293, 294, 308, 309 u 310(1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Kevin Cassar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Kevin Cassar ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Kevin Cassar jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda timponi fuq l-imputat Kevin Cassar interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-istess imputat iservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun, u dan ghal zmien hames (5) snin millum.

Fid-dawl ta' tali interdizzjoni imposta fuq l-imputat Kevin Cassar, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qrati.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Kevin Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza flimkien mal-atti kollha ta' dan il-Procediment jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------